# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru : 330/2020 JPG**

**Kawza Numru : 43**

**JC**

**Vs**

**SC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JC, datat 25 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-ewwel ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (01.05.1994);*

2. *Illi miż-żwieġ tagħhom il-partijiet kellhom tliet itfal, RC li twieldet nhar X, CC li twieldet Y u MC li twieldet Z;*

3. *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Masini Vento Grech hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. 1****.*

4. *Illi l-partijiet ilhom separati mis-sena elfejn u tlettax (2013) u għalhekk huma intitolati biex japplikaw għad-divorzju.*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

6. *Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza/rinunzja minn naħa tal-partijiet b'mod reċiproku.*

7. *Illi l-manteniment favur il-minuri u l-aċċess għall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-minuri qed jirċievu manteniment adegwat, fil-ħin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u għalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-ħajja tal-minuri se jibqaw l-istess skont il-ftehim raġġunt.*

8. *Ili dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom ċelebrat nhar l-ewwel ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (01.05.1994) huwa maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

2. *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SC, datata 23 ta' Ottubru 2020, a fol 22, li taqra hekk:

1) *Illi l-konvenuta tistqarr illi taqbel mal-kontenut kollu tar-rikors promotur tar-*

*rikorrenti.*

2) *Illi l-konvenuta tistqarr illi l-ebda manteniment ma huwa dovut la lilha u lanqas lil uliedha li llum il-gurnata huma kollha maggorenni.*

3) *Illi l-konvenuta tiddikjara illi ma hemmx possibbilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet f'dan l-istadju.*

4) *Illi l-konvenuta tiddikjara ukoll illi in vista tat-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tipprocedi bid-divorzju taghhom kif mitlub.*

*Tant il-konvenuta tissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JC** xehed (vide affidavit a fol 27) illi huwa zzewweg lill-intimata nhar l-1 ta' Mejju 1994 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Ikkonferma illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni 'l fuq minn erba' (4) snin ilu fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Masini. Xehed illi ilhom jghixu separatament mis-sena 2013, ghalhekk ilhom iktar minn erba' (4) snin u ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Finalment sostna illi bejniethom ma kienx hemmx pendenzi ta' manteniment li qieghed regolat skond l-istess kuntratt.

**SC** xehdet (vide affidavit a fol 30) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 1994, liema zwieg jgib c-certifikat numru 491/1994 (vide certifikat taz-zwieg a fol 28 et seqq.). Di piu', jirrizulta illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Masini Vento, datat 10 ta' Dicembru 2013 (vide Dok.1 fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 491/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**